MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-1 ta' April, 2003

Talba Numru. 2496/2002

**Malta Tourism Authority**
**vs**

**Charles McKay**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-Awtorita' attrici fis-17 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm778.00), rapprezentanti arretrati ta' kontribuzzjonijiet dovuti skond il-Ligi kif jirrizulta mid-dokument Dok.A anness mal-avviz;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Michael Grech ghall-Awtorita` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-Awtorita` attrici s-somma ta' seba' mija u tmienja u sebghin lira Maltija (Lm778.00) bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Frar, 2003 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------